Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 26/2019

Il-Pulizija

(Spettur Johann J. Fenech)

Vs

Joseph Vella

Illum 12 ta' Dicembru, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Vella detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 156665M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-22 ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-17:00hrs gewwa ghalqa fil-limiti ta' Hal-Ghaxaq:

1. B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju;

2. Talli kkommetta serq semplici ghad-dannu ta' Vella;
3. Talli wkoll hebb ghal Vella sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara b'xi mod.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz li ssib lill-imputat hati tapplika Art 383.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Jannar 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (dd) u 339 (1) (d) u 17 tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ammenda kumplessiva ta' mitt euro (€100). Peress illi t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi, il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement illiberatu minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Joseph Vella,** ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) thassar is-sentenza appellata stante n-nullità taghha a tenur tal-artikolu 428 (3) maghdud mal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement tghaddi biex terga' tibghat il-kawza quddiem il-qorti inferjuri skont il-ligi, jew taghti kwalunkwe provvediment li jidhrilha opportun;

(ii) F'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tirriforma s-sentenza appellata tas-17 ta' Jannar 2019, u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Vella huwa s-segwenti u cioè:-

L-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Qabel xejn, din il-Qorti ghandha thassar is-sentenza appellata stante li hija nulla**

**1. In-nullita' tas-sentenza appellata**

L-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> 382. Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat

Issa f'dan il-kaz, is-sentenza fil-konfront tal-imputat tghid hekk:

> *"Il-Qorti;*
>
> *Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Joseph Vella bin Annunzjato u Guzeppa Farrugia, imwieled Hal Ghaxaq fid-9 ta' Marzu 1965, residenti gewwa l-fond Migration, Triq ir-Rahhal, Ghaxaq, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 156665M akkuzat talli fit-22 ta' Mejju 2017, ghall-habta tal-17:00hrs gewwa ghalqa fil-limiti ta' Hal-Ghaxaq;*
>
> *1. B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju.*
>
> *2. Talli kkommetta serq semplici ghad-dannu ta' Vella.*
>
> *3. Talli ukoll hebb ghal Vella sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara b'xi mod.*
>
> *Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz li ssib l-imputat hati tapplika l-Art. 383*
>
> *Semghat il-provi.*
>
> *Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali prezentati mill-Parte Civile u mid-Difiza.*
>
> *Wara li rat l-Artikolu 338 (dd) u 339 (1) (d) u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda kumplessiva ta' mitt Euro (€100). Peress illi t-tieni*

*imputazzjoni ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mil-ligi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnha."*

Kif jidher fil-kwotazzjoni tas-sentenza **shiha** fil-konfront tal-imputat, l-Ewwel Qorti ma tat ebda kunsiderazzjonijiet, u lanqas ma semmiet il-fatt tal-kaz, u dan bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Skont il-gurisprudenza nostrana, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalità sostanzjali fissens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, f' liema kaz, jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et** il-Qorti irriteniet li:- "*Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed irrekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'*".

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**, gie ritenutli:- "*in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali*" (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef David Scicluna tal-1 ta' Gunju 2011)

M'hemmx dubbju li fis-sentenza appellata, ma hemm ebda referenza ghall-fatti li taghhom l-esponent gie misjub hati. M'hemmx dubju li r-riproduzzjoni tal-komparixxi mhuwiex bizzejjed biex dan jammonta ghall-'fatti' kif jitlob l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Filwaqt li l-esponent japprezza s-sommarjeta' tal-kawzi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti, dan ma jnaqqas xejn minn dak li jitlob tassattivament l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk, is-sentenza appellata ghandha tigi dikjarata nulla.

**<u>B. Minghajr Pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li s-sentenza appellata ghandha tigi revokata u dan ghar-ragunijiet segwenti:</u>**

**<u>2. Minn imkien ma rrizulta li kien hemm ksur tal-bon ordni u kwiet tal-pubbliku skond l-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-provi <u>minn imkien</u> ma jirrizulta li kien hemm xi ghajjat jew storbju. Minkejja li d-difensur tal-*parte civile* fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li kien hemm "*hafna ghajjat u storbju*" din **ma tirrizulta minn imkien**. L-ahjar prova ta' dan kollu huwa l-affidavit tas-Surgent PS639 li meta ha l-verzjoni tal-*parte civile* imkien ma nizzel li kien hemm xi ghajjat, storbju jew ksur ta' bon ordni.

Ghall-kuntrarju, fil-fatt, jirrizulta li <u>iben il-*parte civile*</u> jghid li sahansitra **<u>hadd ma tkellem hazin</u>** u mkien ma kien hemm theddid. Fil-fatt, jirrizulta li kien biss il-parte civile li kien qed jitkellem hazin u dan kif jidher mill-*video* ezebit.

Anke fix-xhieda taghhom, il-partijiet kollha ma jsemmux li kien hemm ghajjat. Fil-kamp penali (izda anke f'kull kamp iehor) mhuwiex bizzejjed li wiehed 'jassumi' li seta kien hemm ksur ta' xi disposizzjoni kontravvenzjonali, izda l-istess trid tigi provata fil-grad rikjest mil-ligi. Dan kollu ma giex provat u ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-imputat hati ta' din id-disposizzjoni u kellha, konsegwentement, tilliberah minnha.

**<u>3. Lanqas ma jirrizulta li l-esponent hebb kontra Vella sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Anke fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija peress li ma tirrizulta minn imkien. L-unika ritratt li jezebixxi l-parte civile biex ipingi stampa li l-esponent hebb ghalih, huwa ritratt li juri lill-esponent qieghed 'il boghod minnu u ghalkemm fir-ritratt jidher li l-esponent qed jigri fid-direzzjoni ta' min kien qed jigbed

bil-camera, ghandu jinghad li l-persuna li kienet qed tigbed il-filmat, ma kienx Vella izda ibnu Chris Vella.

F'kull kaz, jekk wiehed ikompli jara l-kumplament tal-video ezebit minn Chris Vella, jista' facilment jikkonferma li ebda parti ma hebbet ghall-ohra. Il-fatt li Joseph Vella jidher jersaq vicin, ma juri bl-ebda mod sal-grad rikjest mil-ligi, li huwa hebb ghal xi hadd. Ghall-kuntrarju, mix-xhieda tal-imputat Joseph Vella, huwa biss Vella li pprova jerfa' gebla ghal huh (l-imputat). Ghalkemm Vella fil-verzjoni li ta lill-pulizija jghid li huh Joseph Vella qelbu ma' l-art, fix-xhieda tieghu, imbaghad, **ma jsemmi xejn minn dan.** Lanqas l-akkuzi li inhargu ma huma dwar li weggghu jew qelbu ma' l-art.

L-artikolu relevanti jghid hekk:

> ***339.*** *(d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil haddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;*

Dan l-artikolu jindika bic-car li l-kontravvenzjoni hemm fih kontemplata, ma tinkwadrax ruhha f'dawk il-fatti li Vella jsemmi lill-pulizija fid-data tal-kwerela tieghu. L-artikolu 339 (1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jikkontemplax il-kuntatt fiziku kif jallega l-parte civile. Ghal dik it-tip ta' allegazzjoni jezistu disposizzjonijiet ohra fil-Kodici Kriminali u huma espressament eskluzi mill-artikolu 339 (1) (d) fejn jintqal "*kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici*".

In oltre, pero', ix-xhud Vella, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma jsemmi bl-ebda mod li Joseph Vella messu jew qalbu ma' l-art. Dan jissemma biss, fl-affidavit tal-pulizija u fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile. Min-naha tieghu, imbaghad, l-imputat jichad dan il-fatt kategorikament.

Ghalhekk, il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt issib li din l-imputazzjoni tirrizulta.

Inoltre, mill-provi jirrizulta, fuq ammissjoni tax-xhud Christian Vella stess, iben il-parte civile, li l-imputat **qatt ma resaq vicin ta' Felix Vella**. Konsegwentement, ir-ritratt li

bhal donnu juri lill-imputat jigri lejn il-parte civili huwa ghal kollox qarrieqi – tant li l-persuna li kienet qed tigbed il-filmat, lanqas biss kienet Felix Vella.

Minn imkien ma jirrizulta li l-esponent hebb ghal Felix Vella wisq anqas li qelbu jew imbottah. Fil-fatt, din il-verzjoni (minkejja li rrapportata lill-Pulizija minn ex-pulizija) tirrizulta **inveritiera** meta tela jixhed ix-xhud Christian Vella – forsi ghax hu, ghall-kuntrarju ta' Felix Vella, ex-membru tal-korp tal-pulizija – niggzitu l-kuxjenza u ma riedx jixhed hwejjeg mhux minnhom.

Anke l-imputat innifsu, bil-gurament tieghu, minkejja li jixhed li huwa verament rema l-fence li dwarha jilmenta l-parte civile, izda dan tliet ijiem wara d-data tal-imputazzjonijiet jichad kategorikament li huwa hebb ghal Felix Vella, tant li qatt ma resaq aktar vicin minn madwar 10 metri lejh.

Fl-affidavit tas-Surgent PS 639 Jean-Mar Mangion jinghad hekk: " *min-naha tieghu resaq vicin sabiex ikun jista' jigbed xi ritratti ta' dak li kien qieghed jigri fejn dan Joseph mar fuqu u qalbu mal l-art. Dan il-hin qallu sabiex johrog minn go hwejgu u qabad gebla sabiex jiddefendi ruhu bija kemm il darba jipprova jhebb ghalieh fejn anke wissieh f'dan is-sens*".

Minn dan is-sunt, ghalhekk jirrizulta, li l-artikolu 339 (1) (d) ma jirrizultax lanqas ghall-allegazzjonijiet li Vella jaghmel mas-Surgent tal-Pulizija fil-konfront ta' Joseph Vella. Dan peress li, minn kliemu stess, hu kien qed **janticipa** li Joseph Vella jhebb ghalih u mkien ma jsemmi li effettivament hebb ghalih b'xi mod skond l-istess artikolu tal-ligi.

Konsegwentement, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib il-htija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

**4. F'kull kaz, jezisti dubju ragonevoli li jeghleb l-allegazzjonijiet konfuzi tal-parti civile, liema dubju ghandu jmur favur l-imputat**

Oltre l-verzjoni inkredibbli tal-parte civili, kontrastata minn dik ta' ibnu stess, Christian Vella, jirrizulta dubju ragonevoli u kunflitt car fil-provi. Huwa risaput li "*hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti*" (**Pulizija vs Paolo Farrugia,**

App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "*u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat*" (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)).

Rat is-sentenza taghha moghtija preliminarjament nhar is-16 ta' Mejju, 2019 (fol. 44) dwar l-ewwel aggravju tar-rikorrenti fejn cahdet dak sollevat mill-appellant li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla.

Rat l-affidavits esebiti quddiem l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat

**Ps 639 Jean Mar Mangion** ighid fl-affidavit tieghu mahluf minnu fis-17 ta' Lulju, 2017 xaghrejn wara li sehh l-allegat incident li nhar it-22 ta' Mejju, 2017 ghall-habta ta' 19.45p.m gewwa l-ghassa tal-pulizija taz–Zejtun certu Vella flimkien mat- tifel tieghu Christian Vella iraportaw li aktar kmieni cioe ghall-habta tal-17.00p.m kien inqala argument ma huh Joseph Vella gewwa l-ghalqa tieghu li tinsab fil-limiti ta' Hal Saptan, Ghaxaq.

Felic Vella min naha tieghu spjega li fil-prezent hemm proceduri il-Qorti fil-konfront ta' huh Joseph rigward din l-istess ghalqa. Spjega li kien mar mat-tifel ghall-habta tat-15.00p.m fl-ghalqa sabiex jigbru l-balal tat-tiben fejn hemmhekk lestew u bdew iwahlu fence tal-plastic fuq il-parti ta'l-ghalqa tieghu u dan wara li xi xaghar qabel kien mar flimkien ma l-avukat tieghu fuq il-post u ghamlu xi gebel sabiex jindikaw il-qasma. Appena lestew din il-fence lejn il-15.00p.m mar Joseph Vella u beda jipprovokah billi qabad tank u tefghu minn fuq il-hajt tas-sejjiegh ghal gewwa l-ghalqa tieghu u beda jaqta' l-fence. Min naha tieghu resaq vicin sabiex ikun jista jigbed xi ritratti ta' dak li kien qed jghamel fejn dan Joseph mar fuqu u qalbu ma l-at. Dan Felic qallu biex johrog

minn gewwa hwejgu u qabad gebla biex jiddefendi ruhu biha kemm il-darba jipprova ihebb ghalih u sahansitra anke wissih f'dan is-sens.

Ix-xhud tkellem ukoll ma Christian u dan ikkonferma l-verjoni ta' missieru pero ikkonferma li waqt dan l-inkontru la missieru u lanqas zijuh ma tkellmu hazin jew heddu lil xulxin.

Il-Pulizija pprovat taghmel kuntatt ma Joseoh Vella fuq il-mobile tieghu fejn fl-ebda hin ma kien hemm risposta.

Felic Vella rega mar l-ghassa aktar tard dak l-istess jum u stqarr li meta rega mar l-fence ma keintix ghadha hemm u ghalhekk issuspetta li seta kien huh li hadhielu. Felic stqarr li din il-fence kienet tiswa madwar 100 euro u kemm il-darba ma tigix ritornata lillu talab li jittiehdu passi fil-konfront tieghu.

Nhar it-30 ta' Gunju, 2017 ghall-habta tat-8.30 mar l-ghassa Joseph Vella fejn dan stqarr li min naha tieghu kien ghadu kemm ha parir minghand l-avukat tieghu u mitlub jispjega il- versjoni tieghu tal- allegat incident qal li dakinhar tal- incident huwa kien mar l-ghalqa tieghu u sab lil huh kien ghadu kemm wahhal fence bil-konsegwenza li tghalaq l-access ghall-ghalqa tieghu. Qallu ukoll li huh kien ghalaqlu l-bieb tal-kamra bil-gebel u b'hekk din il-kamra spiccat minghajr bieb. Meta ra hekk beda minnufih inehhi dan il-fence u Felic mar vicin tieghu jigbidlu xi ritratti fejn inqala argument mieghu. Ikkonferma pero la aggredih lanqas insulentah u wisq inqas ma heddu. Mistoqsi dwar il-fence Joseph ikkonferma mieghu li kien hu li ha l-fence u meta iltaqghu ghall-perizja l-Qorti nhar il-25 ta' Mejju, 2017 quddiem iz-zewg avukati taghhom kien gja informah li din il-fence kienet giet mghormija fejn aktarx kienet giet reciklata.

Illi nhar it-23 ta' Novembru 2017 xehed **Felic Vella** quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u esebixxa sett ritratti li gew markati bhal dok FV2 sa FV7 li jindikaw l-ghalqa mertu tal kawza flimkien mal-fence li kien pogga l-

istess Felic Vella. Huwa eesbixxa ukoll DVD tal-incident li sehh dakinhar. Ix-xhieda moghtija minnu dakinhar ma gietx dattilografta u ghalhekk gie mitlub jerga jixhed quddiem din il-qorti nhar it-18 ta' Gunju, 2019.

Ex admisses jghid "*Ghal xi hamsa gie hija z-zghir Joseph irrankat jigri, kien hemm tant qalbu ghal gol ghalqa jigifieri*." Mistoqsi jispjega jghid ahjar jghid "*Gi hija u kif konna qed jizbru s-sigar gie bil-girja, qaleb tant li kien fuq il-hajt tal ghalqa jigifieri gie irrankat sew u beda jkisser u jfarrak*." Mistoqsi x' kien qed ifarrak jghid "*il-fence u jaqla' il-gebel minn mal-kamra u minn kullimkien.*"

Jghid li filfratemp talab lit tifel itih il-mowbajl u irrekordjah u beda jimxi lejh. Huwa pprezenta il-filmat u jghid li hadu hu dakinhar u fil-filmat jidher l-akkuzat jarmi l-fence u iwaddab il-gebel ghal gol-ghalqa tieghu u beda ighidlu beix jigbed il-video ta martu. Qal ukoll li l-akkzuat beda ighajjat u igedwed wahdu u imbaghad mar 'l hemm. Qal li qalbu ukoll. Qal li hasdu ghaliex ma ppretendiex li kien ser imur ghalih Filf-att jghid li kient l-ewwel darba li amr ghalih.

Qal li qabel ma ghamlu l-fence qadu jizbru s-sigar. In kontro esami ighid li l-appellant gera xi tletin pied u waqqghu billi tefghu ma l-art billi hataflu idu u imbuttah ma l-art

**Christian Vella** xehed nhar it-18 ta Gunju, 2018 u kkonferma li nhar it-22 ta' Mejju, 2017 mar ma missieru jigbor it-tiben u jghamlu fence fl-ghalqa ta' missieru Felic. F'xi hin gie l-appellant zijuh u waqaf bil-karozza quddiem id-dahla taghhom u ra l-fence li kienu qed ighamlu. Nizel mill-karozza, mexa mal-hajt tas-sejjiegh tal-ghalqa taghhom, kien hemm tank tal-hadid fuq il-hajt tas-sejjiegh qalbu bil-korla, Dahal mill-enterance tieghu u beda jaqla' l fence. Imbaghad dar mal- fence u dahal min naha taghhom tal- ghalqa ta' missieru u beda ikisser u jaqla' l-gebel. Sadanitant missieru qallu biex ighatih il-mowbajl u tefghu u fuq record biex johodlu l-filmat u taht il- mowbajl f'idejh u mar igib il-moqbajl tieghu mill-van. Waqt li huwa mar biex jgib il-mowbajl ta' missieru mill-van l-appellant hebb ghal missieru, waqqghu ma l-art u bdew jghamlu l-istorbju. F'hin

minnhom jaf li zijuh qallu '*ghax ma jigbidx il-filnat ta martu'* Jghid li kien hemm hafna storbju u ghajjat.

Mistoqsi jekk semghax xi kliem min naha tal-appellant jghid li le ma setghax jisma l-kliem li beda jinghad ghaliex kien mar jgib il-mowbajl mill-van. Qal li ma kienitx facli ghalih jara lil missieru ma l-art irrabja pero ma hax azzjoni b'idejgh pero marru jghamlu rapport l-ghassa. Din hija kwisjtoni ta' bejn missieru u zijuh u mhux ser jidhol lilha.

Mistoqsi x'ra dakinhar jghid li ra lill-appellant jaqleb lil missieru ma l-art. Sema kemm lil missieru kif ukoll lil zijuh jghajjat.

L-**appellant Joseph Vella** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-18 ta' Gunju, 2019 u qal li huwa ghandu bicca raba flimkien ma l-kwerelant huh u huh iehor. Qal li l-arti tikkonsisti f'habel u Felic ghanu l-parti ta quddiem huwa ghandau dik il-parti tan-nofs uhuh l-iehor il-parti ta' gewwa. Qal li mhux veru kien hemm xi gebel bhala linja divisorja. Qla li dan kien il-ftehim ghal zmien 30 sena u qatt ma kellhom problemi salv ghal dan l-ahhar.

Dak in-nhar tat-22 ta' Mejju, 2017 huwa mar l-ghalqa fil-ghodu. Qal li tiben ma kienx hemm ghaliex l-kwerelant kien garru xi jiem qabel. Meta rega mar wara nofsinhar sab li kien hemm fence imwahhal t-tul kollu. Qal li mar hemm b'kumbinazzjoni ghaliex ried ipoggi furkettun gdid li kien xtara. Qal li dan il-fence u kanen ta' daqsijiet differenti kienu impoggija fil-parti tieghu. Qal li ipparkja fejn hemm speci ta' bicca sqaq fejn jipparkja is-soltu u beda jimxi lejn l-ghalqa ghal bicca tieghu. Qal li l-appellat tefghalu tank fuq il-parti tieghu u kien ghalhekk li qabad u tefghu ghal go tieghu billi imbuttah 'l isfel ghall-ghalqa tieghu. Qalalu xi kolonni li kellu mal-fetha li ghandu fil-kamra li ghandu fl-ghalqa tieghu u qabad gebel u ghalqlu l-bieb kollu tal-kamra biex b'hekk inehhilu l-access. Jghid li kien ilu jidhol f'din il-kamra ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena u spicca bla access ghaliha. Mistoqsi jekk marx jghamel raport lill-pulizija jghid li le izda l-kwerelant mar jghamel raport hu. Qal li dakinhar ma kienx qala n-net kollu izda qalghu fl-24 ta' Mejju2017 u remih fl-iskip ta' hdejh.

Mistoqsi jekk kienx minnu li hebb ghal hu ix-xhud ma iwigibx mill-ewwel u mistoqsi ghat-tielet darba jghid li vera gera lejh izda biex ihalli messag fuq il-mowbajl. Qal li pero zamm seba' metri 'l boghod minnu. Mistoqsi jekk kienx minnu li qalbu jghid li Felic inqaleb wahdu bil-video.

Xehed ukoll **Dr Martin Bajjada** nominat mill-Qorti fejn ta spjegazzjoni lil Qorti dwar xi properties li dehru fuq fil-filmat u cioe li mhux bilfors il-filmat ittihdet fl-istess jum meta gie *accessed* u *copied* fuq DVD. Huwa esebixxa zewg artikoli dwar Dating computers.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jttrattaw il-kaz.

Ikkunsidrat,

L-appellant instab hati ta' l-ewwel u it-tielet akkuza u talab lil din i-Qorti tirrevoka is-sentenza f' dan ir-rigward u tilliberah mill-htija imposta fuqu. Dwar l-ewwel akkuz u cioe li l-appellant kiser il-paci pubblika b'ghajjat u storbju jinghad is-segwenti. Illi Felic Vella huwa l-uniku xhud li allegatament semgha lill-appellant jghajjat. Anke ibnu Christian meta gie mitkellem mill-pulizija a tempo vergine tal-investigazzjoni ighid li ma semax ghajjat u meta xhed il-Qorti xhur wara jghid li kemm missieru kif ukoll l-appellant bdew jghajtu. Pero msitoqsi jghid xi kliem intqal jghid li ma setghax jismaghhom ghaliex kien 'l bogod xi tlettin metru. Illi sabiex dina l-akkuza tigi pprovata hemm grad ta' prova hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daniel Briffa** [1] fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza moghtija fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Maria Concetta Green**'[2] fejn irriteniet li:-

*'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati f'diversi sentenzi u gie ritenut illi, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontajru li minnu nnifsu jew*

[1] Deciza mill-Qorti tal-MAgistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta Otttubru 2010 Appel numru 144/2009 (

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 - Volum LXXXIII Part IV pagna 441

*minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' likem anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innisfsu u minghajr ma jkun hemm xejn akta x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghali, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l-imputat appellant u l-parti leza u ghalkemm it-tnejn li huma wiegbu lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati. Ghalhekk din l-akkzua mhux provata.

Dwar it-tielet akkuza li taghha instab hati u cioe li hebb ghal huh Felic Vvella sabiex jingurjah jew idejqu jew jghamillu xi hsara jinghad is-segwenti. Din hija l-kontravenzjoni moghtija ai fini tal-artikolu 339 (1) (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Issa, fis-sentenza fl-ismijeit **Il-Pulizija v. Joseph Pace** [3] intqal li :

*"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal- Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta Mejju 1997

*person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."*

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant kien irrabjat ghaliex l-kwerelant kien qabad u wahhal fence fil-prorpjeta fejn hu ukoll ghandu sehem. Jirrizulta ukoll skond dak li qal l-appellant stess li huwa qabad u tefa tank fl-ghalqa tal-kwerealnt meta kien hemm u dan ghaliex skond hu l-kwerelant kien pogga dan it-tank fl-ghalqa tieghu f'xi hin qabel. Jirrizulta ukoll li qabad u gera xi tlettin metru lejn l-kwerelant pero ighid li ma ghamilx dan biex ihebb ghalih izda biex isemmi lehnu fil-filmat. Cio nonnostante pero lehnu fil-filmat ma jinstemax. Min naha l-ohra l-kwerelant a tempo vergine tal investigazzjoni ighid lis- surgent PS 639 Mangion li l-appellant qabez fuqu u imbuttah ma l-art. Il-kwerelant irrepeta din il-versjoni tal-fatti viva voce il-Qorti u dan hu konfermat minn ibnu Christian li qal li ra lill-missieru ma l-art wara li zijuh kien imbuttah. Meta l-appellant gie mistoqsi jekk rax lill-kwerelant ma l-arti ighid li rah izda dan ghaliex waqa' meta kien qed jigbed il-filmat.

Il-Qorti ghalhekk tara u tqis li l-versjoni tal-fatti kif spjegati mill-kwerelant ghandhon aktar mis-sewwa mill-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellant. Il-Qorti tfakkar lill-partijiet li xhud wiehed jekk emnut hu bizzejjed u mhemmx bzonn li ix-xhieda tieghu tigi korroborata minn xhud iehor. F'dan il-kaz il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija minn Christian Vella u sa certu punt konfermata minn Felic Vella hija aktar attendibbli.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tilqa' in parti l-appel tal- appellant billi qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni akkuza u illiberatu minnha, qeda tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat- tielet akkuza izda qeda tirriforma is-sentenza moghtija fir-rigward ta' l-ewwel akkuza billi qeda tiddikjara li ma hiex qed issib lill-appellant hati taghha u

konsegwentement qeda tirrevoka dik il-aprti tas-sentenza fejn sabet htija f'dan ir-rigward.

Dwar il-piena stante li hemm moderazzjoni u riforma ghal dak li jirrigwarda htija qeda ukoll ltilqa l-appell ta appellant sabiex timmodifika l-piena u ghalhekk minflokk il-mitt euro (€100) li gie ikkundannat ihallas qed tikkundannah ihasllas hamsin euro (€50) ammenda fir rigward u limitatament ghal htija tat- tielet akkuza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur